# IL-ĠIMGĦA L-KBIRA
## TA' DARI
## FIL-BIRGU

Lorenzo Zahra

**Fil-Birgu tal-imgħoddi, bosta kienu l-użanzi sbieħ u qaddisa li missirijietna żammew ħajjn għal tant snin. Illum bosta ħwejjeġ inbidlu u tlifna ħafna mill-karatteristiċi tal-imgħoddi.**

Żmien ir-Randan iwassal għall-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid. Niftakar sewwa li meta konna tfal, kull nhar ta' Ġimgħa tul ir-Randan, lilna t-tfal, wara li niskulaw mill-iskola, kienu jiġbruna fil-Parroċċa biex nagħmlu l-hekk imsejħa L-PAĊI. Konna nitilgħu tnejn tnejn fuq il-presbiterju biex inbusu lil Ġesu msallab, hekk kif isir daż-żmien nhar il-Ġimgħa l-Kbira. Waqt din il-funzjoni, l-kor kien ikanta:

**Taħt is-Salib itturmentata,**
**Kienet Marija Addolorata,**
**bil-Mewt tal-Iben tagħha.**

U aħna, t-tfal kollha fil-knisja, konna nwieġbu bil-kant:

**Omm Qaddisa Għamel Magħna,**
**Li l-Pjagi tas-Sinjur Tagħna,**
**Ikunu Stampati fil-Qalb Tagħna.**

F'**Jum id-Duluri**, fl-Oratorju tal-Kurċifiss, il-fratelli kellhom drawwa jiċċelebraw is-**Settana tad-Duluri**. U allura l-Oratrju kien ikun mimli bil-fratelli. Dakinhar ukoll, fl-imgħoddi kien hawn is-Sawma tas-Seba' Bukkuni. Uħud kienu jittalbu xi biċċa ħobż mingħand in-nies, billi kienu jgħidu:

**F'Ġieħ id-Duluri,**
**Loqma Ħobż Jaħasra Tuni,**
**f'din is-Sawma Ħobż u Ilma,**
**Għandi Bżonn Seba' Bukkuni.**

Għal **Ħadd il-Palm** l-imgħallmin kienu jżommu werqa żebbuġa fuq il-pavru. Oħrajn jieħdu qatta' żebbuġ biex meta jaħdmu xi opra tal-baħar, idendlu fergħa magħha. Ħafna kienu jieħdu l-friegħi taż-żebbuġ id-dar biex, nhar ta' Ħamis, meta jisimgħu il-**Mota tal-Ħamis**, ibaħħru djarhom. F'Ħadd il-Palm fil-Parroċċa kienu jsiru **l-Kwaranturi**, li jispiċċaw nhar l-Erbgħa tat-Tniebri. Hekk kif jintemmu l-Kwaranturi, il-vari tal-Ġimgħa l-Kbira kienu jitniżżlu l-knisja ta' San Lawrenz. Allura aħna t-tfal ma kienx ikollna skola, u konna ninġabru ħdejn l-Oratorju tal-Kurċifiss biex naraw il-vara jitniżżlu mill-Oratorju għall-Parroċċa. Dakinhar wara nofsinhar, il-kleru tal-Birgu kienu jagħmlu **l-Uffizzjatura** fil-kor, lebsin bl-**ermellina**. Waqt din l-uffizzjatura, aħna t-tfal konna nkantaw l-Lamentazzjonijiet. Il-kant ta' dawn il-granet fil-knisja, bir-responsorji tal-Kanonku Fenech, kien jiġbed bosta nies minn kull naħa ta' Malta biex jisimgħu il-melodiji tagħhom.

Nhar **Ħamis ix-Xirka**, kont issib is-Sepulkru fil-knejjes kollha – il-parroċċa, il-knisja tal-Lunzjata, dik tas-sorijiet ta' Santa Skolastika, f'San Filippu, u f'Tal-Karmnu (illum dawn it-tnejn imħażen għall-armar tal-festa). Għall-viżti tas-Sepulkru, il-każini u l-għaqdiet kienu jinġabru flimkien biex jimxu minn knisja għall-oħra fit-toroq dojoq u mudlama ta' din il-belt. Allura ġeneralment kien ikollhom f'idejhom fanali apposta, bix-xemgħa tixgħel, għax fit-toroq ma kienx hemm dawl.

Nhar **il-Ġimgħa l-Kbira**, għall-funzjoni ta' filgħodu tal-adorazzjoni tas-salib, il-Kanonċi, b'rashom mgħottija bl-ermellina u bla żarbun, jitilgħu **jagħmlu l-paċi**, billi jbusu l-kurċifiss waqt il-kant tar-responsorji bil-Latin tal-Kanonku Fenech. Wara nofsinhar, fil-parroċċa kienu jqiegħdu l-vara l-kbira, li kienet turi l-kruċifissjoni ta' Ġesu, fuq il-presbiterju, u ssir il-priedka – meditazzjoni fuq it-tliet sigħat tal-agunija ta' Ġesu. Fil-knisja tal-Lunzjata, fejn dari anke l-patrijiet kellhom il-vari tal-Ġimgħa l-Kbira, din il-funzjoni kienu jtemmuha billi jitniżżel Ġesu Msallab minn fuq is-salib, funzjoni li wkoll kienet tiġbed ħafna nies. Il-kwadri u l-kurċifissi kollha fil-knejjes kienu jitgħattew b'lożor vjola. It-twieqi wkoll kienu jkunu mgħottija, u hekk kienu joħolqu atmosfera ta' dlam u niket. L-oratorju ta' San Ġużepp, qrib il-knisja, kien ikun armat bid-Deżolata – jiġifieri l-Madonna Addollorata mdawra b'ħafna xema' u fjuri.

Il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, fuq quddiem kien ikollha raġel bil-fifra u ieħor bit-tamborlin, u kienet tkun triq twila tassew, għax qabel ma l-Ingliżi ħadu x-Xatt f'idejhom, il-proċessjoni kienet tgħaddi max-Xatt kollu wkoll.

Iżda nhar **Ħadd il-Għid** kien jinbidel kollox. Ħafna rġiel mgħallmin tas-sengħa kienu jinġabru fil-pjazza, ilkoll bit-tomna u bis-sidrija, juru l-polka b'xi medalja mdendla, u jitkellmu fuq ix-xogħlijiet tagħhom. L-istatwa ta' Kristu Rxoxt, akkumpanjata mill-banda, kienet tgħaddi bil-ġirja mit-toroq, u hi u għaddejja, it-tfal kienu jgħollu l-figolla u jgħajtu: "Berikhieli" - ħalli Ġesu jberikha u huma jkunu jistgħu jaqsmuha u jikluha.

**XI TIFSIR**

Xtaqt inżid nota ta' tifsir ta' ċertu kliem marbut mat-twemmin tagħna, għalkemm ħafna minnu diġa ssemma mis-Sur Martin Morana fil-ktieb tiegħu ARA X'INTI TGĦID.

**Il-Kuranturi** huma erbgħin siegħa ta' adorazzjoni quddiem is-Sagrament. **Tridu** tfisser tlett ijiem ta' talb bħala preparazzjoni għaċ-ċelebrazzjoni ta' xi festa. **Settena** hi sebat ijiem ta' preparazzjoni għal xi festa. **Ottava** hi ċelebrazzjoni ta' tmint ijiem talb wara xi festa. **Novena** hi disat ijiem ta' preparazzjoni qabel xi festa. **Kwindiċina** hi ħmistax-il jum ta' preparazzjoni għal xi festa. **Kwotidje** huwa t-talb ta' kuljum. Il-**Matutin** hu t-talb ta' filgħodu. Il-**Vespri** hu t-talb ta' wara nofsinhar. Il-**Kanon Ruman** hu parti mill-Quddies: qabel u wara l-konsagrazzjoni.

© Lorenzo Zahra